MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Numru. 685/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**
**Spettur Therese Sciberras**
**Spettur Paul Vassallo**

**vs**

**Rajaa Mokaddem**

Il-Qorti;

Rat li Rajaa Mokaddem ta’ 27 sena, bint Ahmed Mokaddem u Bukri nee’ Bukri, imwielda Casablanca, Marokk fil-25 ta’ Gunju, 1979 u residenti fil-fond Nru. 3, Flat 3, Telghet Birkirkara, San Giljan u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 36047(M) u giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fit-18 ta' Novembru 2006, u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, zammet jew ezercitat jew kellha sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li hija ffrekwentata ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikoli (1) (3) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi offendiet il-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku bi ksur tal-Art. 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi f'lok iehor pubbliku, nezghet gharwiena jew ma kinitx liebsa xieraq bi ksur tal-Art. 338(q) tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Dicembru, 2006 (*esebit a fol. 28 tal-process*) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2006 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali prezentata mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri skattaw wara perkwizizzjoni li l-Pulizija ghamlet fit-18 ta' Novembru, 2006 gewwa l-istabbiliment "Midnight Cowboy", f'San Giljan fejn fih kien hemm tfajliet ta' nazzjonalitajiet varji libsin mill-anqas li kienu qed jixorbu jew jizfnu *pole dancing* jew *lap dancing* fl-intern ta' dan l-istabbiliment frekwentat bhala regola mill-irgiel. L-imputata tinsab akkuzata bir-reat kontemplat fl-

Artikolu 8 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll bir-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali u bil-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(q) tal-Kodici Kriminali. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-istabbiliment in dizamina jew xi parti minnu kien frekwentat ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali jew li l-imputata b’xi mod kellha sehem fl-ezercizzju ta’ burdell. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur, illum Supretendent, Paul Vassallo (*traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 61 sa 64 tal-atti processwali*) u mix-xhieda tal-membri l-ohra tal-korp tal-Pulizija (*WPC19 Rita Bellizzi, WPS15 Caroline Camilleri, PS 977 Joseph Zammit, PS 976 Alfred Mifsud u PS 639 Stephen Micallef*) li ppartecipaw fil-perkwizizzjoni li saret fit-18 ta’ Novembru, 2006 minn imkien ma’ jirrizulta li xi hadd minnhom ra lill-imputata taghmel xi haga li kienet tindika li hija kienet qed tippartecipa fi tmexxija ta’ burdelll, jew li kienet hemm sabiex tipprostitwixxi ruhha. Hadd mill-Pulizija li xehdu ma’ ndika li lemah xi atti immorali qed isiru fil-post jew li setghu jindikaw li l-post kien qed jintuza ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni. Kull ma’ ntqal kien li l-imputata kienet bil-qeghda fuq banketta mal-bar qed titkellem ma zewgt (2) irgiel u li hija kienet liebsa top skullat u dublett trasparenti bil-*g-sting* jidher. Ma ngabet l-ebda prova li l-imputata direttament jew indirettament ippartecipat jew hadet sehem f’xi attivita’ li l-iskop ewlieni taghha kien li taghmel qliegh mill-prostituzzjoni. L-Ispettur Vassallo jghid li mal-ewwel daqqa t’ghajn fl-istabbiliment fejn kien hemm madwar seba’ (7) nisa u xi rgiel ma’ kienx jidher li xi hadd minnhom kien liebes indecenti izda mbaghad giet nnutata li l-imputata Rajaa Mokaddem li kienet liebsa dublett *see through* u kellha *G-string* minn taht. Hija fl-ebda hin ma giet innutata qed tizfen. Meta hija giet interrogata mill-Pulizija hija qaltilhom li kienet marret fil-post bhala prova u cioe’ sabiex tara jekk kienx tajjeb ghaliha sabiex taghmel xoghol ta’ zfin.[1] Fil-post instab envelope f‘handbag fejn kien hemm miktub l-isem “Rajaa” u d-data *13/11/06* u dan l-envelope kien fih is-somma ta’ Lm58.05[2]. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li

[1] Ara stqarrija nserita a fol. 66 tal-atti processwali.
[2] Dan l-envelope gie esebit f’dawn l-atti u huwa mmarkat bhala Dok. PV1.

xi hadd ra lil-imputat taghmel xi att li joffendi d-decenza jew il-morali pubblika f'lok espost ghall-pubbliku u ghalhekk il-Qorti jidrilha li l-imputata l-anqas ma tista' tinstab hatja tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha. Il-mod kif hija kienet liebsa fih innifsu zgur ma jistghax jitqies bhala att li joffendi d-decenza jew il-morali pubblika u l-anqas il-fatt li hija kienet bil-qeghda mal-bar qed titkellem ma' zewgt irgiel ma jista' jitqies bhala tali.

Stabbilit li l-imputata ma' tistghax tinstab hatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha, jibqa' sabiex tigi kkunsidrata t-tielet (3) imputazzjoni cioe' dik fejn l-imputata qed tigi akkuzata li esponiet ruhha fil-pubbliku jew gharwiena jew inkella b'ilbies mhux xieraq. il-Qorti ma' jidrilhiex li l-ilbies li kienet liebsa l-imputata kif deskritt mill-membri tal-korp tal-Pulizija li ppartecipaw fil-perkwizizzjoni in dizamina jista' jitqies bhala mhux xieraq. Dan l-ilbies huwa simili hafna ghal dak li naraw ta' spiss fuq ix-xtut taghna fis-sajf u addirittura fuq xi zeffiena li naraw fuq it-televizjoni u tenut kont tal-post, hin u lok fejn l-imputata kienet liebsa dan l-ilbies, l-Qorti ma jidrilhiex li dan jista' jitqies bhala mhux xieraq ai termini tal-Artikolu 338(q) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------